**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 26 ta' Settembru 2023**

**Rikors Kost. Nru. 395/2022 GM**

**Luciano sive Lucio Demicoli (K.I. 227550M)**
**Michelina Debono (K.I. 234547M)**
**Lourdes armla minn Lawrence Mangion (K.I. 574045M)**
**Dottor Rita mart Malcolm Micallef (K.I.642959M)**
**Doris Demicoli (K.I. 309536M)**
**Carmel Debono (K.I. 1763M)**
**Vincenza armla minn Joseph Mangion (K.I. 246038M)**
**Andrew Mangion (K.I. 333758M)**
**Margaret Said (K.I. 536759M)**
**Lawrence Mangion (K.I. 169962M)**
**Luke Mangion (K.I. 547463M)**
**Pauline mart Anthony Camilleri (K.I. 286869M)**
**Ronald Mangion (K.I. 183281M)**
**Jason Azzopardi (K.I. 79391M)**
**Tiziana Azzopardi (K.I. 58693M)**
**Andrain mart Michael Heeran (Passaport Brittaniku nru.553828367)**

**Annette Marie Saad (Passaport Brittaniku nru.528822708)**
**Angela Maria Patterson (Passaport Brittaniku nru.539009161)**
**Andrew Joseph Vella (Passaport Brittaniku nru.466340943)**
**Carmela armla minn Andrew Mifsud (K.I. 63731M)**
**Rita Broome (Income Tax No. 888348802)**
**Gerald Vella (Income Tax No. 888349404)**
**Patricia Vella (Income Tax No. 888348901)**
**Andreana Vella (Income Tax No. 888349405)**
**Emanuel Vella (Income Tax No. 88349008)**
**Luciano Vella (Income Tax No. 888349206)**
**Anthony Fenech (K.I. 174447M)**
**Carmelo Fenech (K.I. 611238M)**
**Mary mart Alfred Sammut (K.I. 568944M)**
**Maria Dolores mart Joseph Falzon (K.I. 758952M)**
**Jane legalment separata minn Emanuel Aquilina (K.I. 222357M)**
**Joseph Fenech (K.I. 628961M)**

**vs**

**Avukat tal-Istat**
**Anthony Caruana (K.I. 506555M)**
**Joseph Caruana (K.I. 264559M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Kostituzzjonali ta’ Luciano sive Lucio Demicoli et li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1. Ir-rikorrenti huma komproprjetarji ta’ 15/16 parti indiviża tal-fond **31/32, Triq il-Parroċċa, Luqa,** li huma akkwistaw per via di successione mill-eredità tal-mejta nanniet u bużnanniet tagħhom Ignazio sive Lucio Vella u Maria mart Ignazio sive Lucio Vella, li mietu rispettivament fit-2 ta’ Diċembru 1948 u fis-7 ta’ Marzu 1949,

skont żewġ ċertifikati tal-mewt hawn annessi u mmarkati bħala "**Dokument A**" u "**Dokument B**".

2. Il-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat kif jirriżulta mid-"**Dokument C**" hawn anness.

3. Il-konjuġi Ignazio u Maria Vella kellhom żewġ testmenti tal-20 ta' Novembru 1947 u 15 ta' Jannar 1948 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard fejn ħallew dawn il-proprjetajiet lill-erba' uliedhom Francesca Demicoli, Paul Vella, Maria Carmela Briffa u Felicia Fenech, u ddiżereditaw lil binhom Salvatore Vella.

4. Il-fondi in kwistjoni ġew debitament denunzjati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skont denunzji nru. 545/1949 u 546/1949, u peress li għaddew aktar minn għaxar snin mill-mewt tagħhom, mhux meħtieġ il-produzzjoni tal-kopja tad-denunzja relattiva.

5. Maria Carmela Briffa mietet intestata fit-2 ta' Frar 1977 u l-wirt tagħha ddevolva fuq ħutha u ulied ħutha mejta ossia sediċeżima parti indiviża lil ulied il-mejjet Paul Vella li miet fis-16 ta' Jannar 1969 ossia lir-rikorrenti uliedu Vincenza Mangion et; sediċeżima parti oħra lil Francesca Demicoli li mietet fit-8 ta' April 1985 u li l-wirt tagħha ddevolva fuq ir-rikorrenti Luciano Demicoli et, u Felicia Fenech li mietet fit-28 ta' Settembru 1999, u li l-wirt tagħha iddevolva fuq ir-rikorrenti uliedha Anthony Fenech et.

6. Ħuha Salvatore Vella miet fis-16 ta' Diċembru 1942 u sediċeżima parti oħra intirtet mill-intimati Caruana, zijiethom, ħuthom u kuġiniethom, u għalhekk, huma ma ridux ikunu komparteċipi f'din il-kawża għal sehemhom kif fuq spjegat.

7. Paul Vella miet fis-16 ta' Jannar 1969 u l-wirt tiegħu ġie debitament denunzjat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skont denunzja nru. 1086/1969 in forza ta' testment riċevut min-Nutar Maurice Gambin, hawn anness u mmarkat bħala "**Dokument D**" fejn innomina bħala eredi tiegħu lil uliedu l-mejta Tessie Debono, l-mejjet Joseph, Carmela Mifsud, il-mejjet Emanuel, Lucio, Censina Mangion u l-mejta Mary mart Paul Vella.

8. Theresa Debono mietet fit-2 ta' Frar 2018 u l-wirt tagħha ddevolva permezz ta' testment unica charta tal-20 ta' Ottubru 2006 fl-atti tan-Nutar Carmel Martinelli u l-wirt tagħha ġie debitament denunzjat b'dikjarazzjoni causa mortis tal-1 ta' Settembru 2018 fl-atti tan-Nutar Carmel Martinelli, hawn anness u mmarkat bħala "**Dokument E**".

9. Bint Theresa Debono, Tiziana Azzopardi, mietet fid-19 ta' Lulju 2018 u l-wirt tagħha ddevolva b'testment tat-12 ta' Marzu 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Martinelli "**Dokument F**", liema wirt ġie debitament denunzjat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'kuntratt tat-18 ta' Jannar 2019 fl-atti tan-Nutar Carmel Martinelli, hawn anness u mmarkat bħala **"Dokument G".**

10. Mary Vella mietet fis-6 ta' Frar 2010 u l-wirt tagħha ddevolva b'testment skont il-liġijiet tal-Istati Uniti fejn innominat bħala eredi tagħha lil uliedha wħud mir-rikorrenti odjerni b'testment tat-28 ta' Frar 1991 li kopja tiegħu qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **"Dokument H".**

11. Emanuel Vella fis-7 ta' Lulju 2017 u l-wirt tiegħu ddevolva b'testment skont il-Liġijiet tal-Istati Uniti datat 22 ta' Diċembru 1979, **"Dokument I"** hawn anness.

12. Joseph Anthony Vella miet fis-16 ta' Marzu 1985 u l-wirt tiegħu ddevolva ab intestato kif jirriżulta mill-Grant of Probate maħruġ mill-High Court of Justice ta' Newcastle Upon Thyne, u l-wirt tiegħu ddevolva fuq uliedu Angela Maria Patterson, Andrain Heeran, Andrew Vella, Anette Marie Saad skont **"Dokument K"** hawn anness.

13. Francesca Demicoli mietet fit-8 ta' April 1985 u l-wirt tagħha ddevolva b'testment fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin u d-denunzja tagħha ġiet debitament ippreżentata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skont denunzja nru. 2336/1985 fejn innominat eredi tagħha lill-mejjet Joseph, Lourdes Mangion, Mikelina Debono u lil Luciano Demicoli.

14. Joseph Demicoli miet fis-27 ta' Diċembru 2018 bla testment u l-wirt tiegħu ddevolva ab intestato fuq martu Doris Demicoli u bintu Dottor Rita Micallef u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt, ċertifikati ta' testmenti u arblu ġeneoloġiku hawn annessi u mmarkati bħala **"Dokument L sa O"**.

15. Felicia Fenech mietet fit-28 ta' Settembru 1999 ab intestato u l-wirt tagħha ddevolva fuq uliedha Carmelo, Mary Sammut, Anthony Fenech, Mary Dolores Falzon, Jane Aquilina u Joseph Fenech.

16. Ir-rikorrenti Luciano Demicoli et għandhom 5 minn 16-il parti nidiviża minn dan il-fond, waqt li r-rikorrenti Vincenza Mangion et għandhom 5 minn 16-il parti indiviża oħra tal-fond in kwistjoni, u r-rikorrrenti Anthony Fenech et għandhom 5 minn kull 16-il parti indiviża, waqt illi l-eredi ta' Salvatore Vella, għandhom sediċeżima parti indiviża, liema eredi mhux qed jiġu ċitati in kawża stante li ma riedux jieħdu sehem f'kawża kontra nieshom.

17. L-imsemmi fond ilu mikri lil missier u omm l-intimati Caruana ossia Pawlu u Antonia Caruana għal dawn l-aħħar 70 sena` bil-kera miżera ta' **Lm16.00ċ** fis-sena, wara li kien ġie hekk lokat mill-antekawża tar-rikorrenti, u llum bil-kera ta' **€209.64ċ** fis-sena ai termini tal-Att X tal-2009, b'awmenti tenwi kull tliet snin skont l-ogħli tal-ħajja li minnhom iridu jitnaqqsu 1/16 parti diviża li jridu jiġu mgħoddija lill-intimati u z-zijiet u l-kuġini u aħwa tagħhom.

18. Kif fuq ingħad, il-kera li l-intimati qed iħallsu a tenur tal-liġi jammonta għal **€209.64ċ** fis-sena, meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema disposizzjonijet ġew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009.

19. Ai termini tal-Ordinanza XVI tal-1944, ir-rikorrenti u l-antekawża minnhom ma setgħu qatt jikru l-fond in kwistjoni fis-suq stante illi l-kera tar-residenzi ta' fondi li ma kienux dekontrollati ossia li ma jaqgħux taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, u huma regolati bil-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ma setgħu qatt jiżbqu l-valur lokatizju ta' dak li l-fond seta' jġib fl-4 ta' Awwissu 1914.

20. Ai termini tal-istess liġi bl-emendi li sarulha bl-Att X tal-2009, ir-rata tal-kera għandha tiżdied biss darba kull tliet snin b'mod proporzjonali għal mod li bih ikun jiżdied l-Indiċi ta' Inflazzjoni skont l-Artikolu XIII tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar bl-awment li jmiss fl-1 ta' Jannar 2022, liema awmenti huma tenwi għall-aħħar.

21. Il-protezzjoni mogħtija lill-inkwilina intimata Caruana bid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 mhumiex ġusti u ma jikkreawx bilanċ ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm ogħla minn dak stabbilit fil-liġi u għalhekk huma bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu (6) tal-Konvenzjoni.

22. Il-livell baxx tal-kera, l-istat tal-inċertezza tal-possibilità tat-teħid lura tal-proprjeta', in-nuqqas ta' salvagwardji proċedurali, iż-żieda fil-livell tal-għejxien f'Malta f'dawn l-aħħar deċenni u l-interferenza sproporjzonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piż eċċessiv fuq ir-rikorrenti.

23. Ir-rikorrenti m'għandhiex rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi hija ma tistax iżżid il-kera b'mod ekwu u ġust skont il-valur tas-suq illum, stante illi dak li effettivament huwa jista' jitlob li jirċievi huwa dak kif limitat bl-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**24.** Dan kollu ġja ġie determinat fil-kawżi **Amato Gauci Vs Malta no. 47045/06 deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru 2009 u Lindheim and others Vs Norway nru. 13221/08 u 2139/10 deċiża fit-12 ta' Ġunju 2012 u Zammit and Attard Cassar vs Malta applikazzjoni nru. 1046/12 deċiża fit-30 ta' Lulju 2015; Anthony Debono et vs Avukat Ġenerali et deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Mejju 2019; u Rikors Kostituzzjonali Nru. 22/2019 fl-ismijiet Joseph Grima et vs Avukat Ġenerali et, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-10 ta' Ottubru 2019.**

25. Ġialadarba r-rikorrenti qed isofri minn nuqqas ta' "fair balance" bejn l-interessi ġenerali tal-komunita' u l-bżonnijiet u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif deċiż b' **Beyeler vs Italy nru. 33202/96, J.A. Pye (Oxford) Ltd and J.A. Pye (Oxford) Land Ltd vs the United Kingdom [GC], nru. 44302/02, § 75, ECHR 2007-III)** u għalhekk hemm leżjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalita' kif ġie deċiż f'**Almeida Ferreira and Melo Ferreira vs Portugal nru. 41696/07 § 27 u 44 tal-21 ta' Diċembru 2010.**

26. Ir-regolamenti ta' kontroll tal-kera huma interferenza flagranti mad-dritt tas-sid għall-użu tal-proprjeta' tiegħu stante illi dawn l-iskemi ta' kontroll tal-kera u restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sid li

jittermina l-kirja tal-inkwilini u wisq inqas ta' min qed jipprova jippresta lilu nnifsu bħala inkwilin meta mhuwiex jikkostitwixxi kontroll tal-użu tal-proprjetà fit-termini tat-tieni paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (vide **Hutten-Czapska vs Poland [GC], nru. 35014/97, §§ 160-161, ECHR 2006-VIII, Bitto and Others vs Slovakia, nru. 30255/09, § 101, 28 ta' Jannar 2014 u R&L, s.r.o. and Others §108**).

27. Lanqas huwa ġust u ekwu illi l-fond in kwistjoni għandu jkollu l-istess valur lokatizju impost bil-liġi ai termini tal-Artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

28. Il-valur lokatizju tal-post huwa ferm ogħla minn dak li l-liġi imponiet li r-rikorrenti għandha tirċievi, b'tali mod illi bid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXXI tal-1995 u l-emendi li saru bl-Att X tal-2009 jilledi d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti taħt l-Artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll ta' l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru. 1 tal-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk il-Liġi fuq imsemmija għandha tiġi ddikjarata anti-kostituzzjonali u għandha tiġi emendata, kif del resto diġa' ġie deċiż mill-**Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża Amato Gauci vs Malta – deċiża fil-15 ta' Settembru, 2009 u Zammit and Attard Cassar vs Malta deċiża fit-30 ta' Lulju 2015 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem**.

**29.** Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diġa' kellha okkazjoni tikkummenta diversi drabi f'każi li rrigwardjaw lil Malta li għalkemm m'hemmx dubju li l-Istat għandu dover u allura d-dritt li jintervjeni biex jassikura abitazzjoni deċenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tiegħu stess, li ndividwu jiġi privat mill-użu liberu tal-proprjeta' għal ħafna snin u fil-frattemp jirċievi kera miżera, jammonta għall-ksur tad-dritt in kwistjoni. Fil-kawża **"Ghigo vs Malta", deċiża fis-26 ta' Settembru 2006**, il-Qorti sabet li jeżisti l-ksur tad-dritt in kwistjoni għaliex ir-rikorrenti ġie privat mill-proprjeta' tiegħu tnejn u għoxrin (22) sena qabel u kien jirċievi ħamsa u ħamsin (55) Euro fis-sena bħala kera. Fis-sentenza **"Fleri Soler et vs Malta"**, mogħtija fl-istess data, l-istess Qorti sabet li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ġie leż u allura qalbet sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta kif ġara wkoll fil-kawża ta' **"Franco Buttigieg & Others vs Malta" deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-11 ta' Diċembru 2018 u "Albert Cassar vs Malta" deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fit-30 ta' Jannar 2018.**

**30.** B'sentenza deċiża mill-**Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), Rikors Nru. 89/18 LM fl-ismijiet Anthony Debono et vs l-Avukat Ġenerali et, fit-8 ta' Mejju 2019**, din l-Onorabbli Qorti ddeċidiet illi l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-emendi tal-Att X tal-2009 jilledu d-drittijiet kostituzzjonali tas-sidien stante li ma nżammx proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, u li s-sidien mhux qed jirċievu l-kera ġusta fis-suq, biex b'hekk l-Avukat Ġenerali ġie kkundannat jħallas danni ta' €20,000 lir-rikorrenti oltre l-ispejjeż kollha tal-kawża, u l-istess ġie deċiż fil-kawża **<u>Rikors Kostituzzjonali Nru. 22/2019 fl-ismijiet Joseph Grima et vs Avukat Ġenerali et, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-10 ta' Ottubru 2019 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Marzu 2020.</u>**

31. Illi fil-kawża **Rikors Nru. 39/18 FDP fl-ismijiet George Olof Attard et vs Avukat Ġenerali et deċiża finalment mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar il-21**

**ta' Novembru 2019** u mhux appellata, din l-Onorabbli Qorti, f'ċirkostanzi simili għal dawk odjerni, iżda fejn il-ksur lamentat sab l-oriġini tiegħu fid-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk xorta waħda japplika l-istess insenjament għall-każ odjern, il-Qorti saħansitra laqgħat t-talba biex jiġi żgumbrat l-intimat Edgar Warrington u kwindi jingħata pussess liberu lir-rikorrenti tal-fond in kwistjoni u ordnat lill-istess Edgar Warrington jiżgombra l-fond u dan entro sitt xhur mid-data tas-sentenza bl-obbligu fuq l-intimat li jħallas lir-rikorrenti kera ta' sebgħa mitt Euro (€700) fix-xahar mid-data tas-sentenza sal-eventwali ritorn tal-fond lir-rikorrenti

32. In vista tal-każistika surreferita, saħansitra dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u in vista tal-fatt illi ċertament li ma hemm ebda dubju illi r-rikorrenti qed jsofri leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu ta' proprjeta' kif sanċiti bl-imsemmi Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-istess għandha tagħmel din l-Onorabbli Qorti u għandha oltre illi tillikwida kumpens pekunjarju u non-pekunjarju sodisfaċenti għall-ksur lamentat, tordna l-iżgumbrament tal-intimati Caruana mill-fond de quo.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

**I.** **Tiddikjara u Tiddeċiedi** illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimati Caruana għall-fond 31/32, Triq il-Parroċċa, Luqa, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti inter alia fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u b'hekk għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti għandha tingħata r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa fiċ-ċirkostanzi.

**II.** **Tiddikjara u Tiddeċiedi** illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta talli ma nżammx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni wkoll ai termini tal-Liġi.

**III.** **Tillikwida** l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-Liġi.

**IV.** **Tikkundanna** lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Preliminarjament, dawk fost ir-rikorrenti li huma assenti minn dawn il-Gżejjer għandhom ikunu rappreżentati minn mandatarji permezz tad-debiti strumenti ta' prokura;

2. Ir-rikorrenti jeħtiġilhom iġibu prova li l-fond 31/32, Triq il-Parroċċa, Ħal Luqa huwa tassew mikri lill-intimati Caruana u li tali kirja hija waħda regolata bil-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Ir-rikorrenti jeħtiġilhom iġibu prova tat-titolu ta' kull wieħed u waħda minnhom fuq dik il-kirja;

4. L-ewwel talba għal sejbien ta' ksur tal-artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, hija infondata fil-fatt u fid-dritt għaliex il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta għandu (i) għan leġittimu għax joħroġ mil-liġi; (ii) huwa fl-interess ġenerali għaliex jipprovdi għal akkomodazzjoni lil min jinsab fil-bżonn; u (iii) huwa proporzjonali għaliex iżomm bilanċ bejn l-interessi tas-sidien, tal-inkwilini u l-interess ġenerali;

5. Proprju dwar il-proporzjonalita' tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent jeċċepixxi li l-Ordinanza nnifisha kienet tinkludi diversi dispożizzjonijiet li joħolqu din il-proporzjonalita':

- l-artikoli 4, 8 u 9 jipprovdu għaċ-ċirkostanzi fejn is-sidien jistgħu jitlobu li jieħdu l-pussess lura tal-fond mikri;
- 1-artikoli 4A, 5, 6, 7 jipprovdu għaċ-ċirkostanzi fejn is-sidien jistgħu jgħollu 1-kera;
- apparti dan jingħad ukoll li bis-saħħa tal-Att X tal-2009 kif emendat bl-Att V tal-2010, mill-l ta' Jannar 2013 il-valur tal-kera kienet bdiet togħla kull tliet snin skont l-Artikolu 1531C tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta);

u għalhekk l-ewwel talba, kif ukoll il-bqija' tat-talbiet li jirrigwardaw kumpens, għandhom jiġu miċħuda;

6. Kemm-il darba r-rikorrenti kellhom dawn ir-rimedji ordinarji disponibbli għalihom biex iżidu l-kirja jew biex jiżgumbraw lill-intimat Galea u huma traskuraw milli jikkawtelaw dawn id-drittijiet tagħhom, dan mhu b'konsegwenza ta' ħadd aktar ħlief tagħhom stess. Għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw minn ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom meta kienu huma stess li naqsu milli jħaddmu r-rimedji ordinarji li kienu disponibbli għalihom;

7. Bla preġudizzju għal dak li ġie diġa' eċċepit, ir-rikonenti jistgħu jippretendu li seħħitilhom leżjoni tad-dritt tagħhom taħt 1-artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea <u>biss sat-l ta' Meiiu 1987</u> u dan skont ma jiddisponi l-artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Bla preġudizzju għal dak li ġie diġa' eċċepit, ir-rikorrenti jistgħu jippretendu li seħħitilhom leżjoni tad-dritt tagħhom taħt l-artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea biss sal-28 ta' Mejju 2021 meta daħlu fis-seħħ l-emendi tal-Att XXIV tal-2021;

Rat ir-Risposta ta' Anthony Caruana u Joseph Caruana li permezz tagħha eċċepew illi :

Il-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens li bl-operazzjonijiet tal-'Ordinanza Li Tirregola Tiġdid tal-Kiri ta Bini' ossija l-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Att X tal-2009 jagħtu drittijiet lill-esponenti fuq il-fond bin-numru 31/32 Triq il-Parroċċa, Luqa b'liema drittijiet, dejjem skont ir-rikorrenti, qed jiġu miksura d-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea id-Drittijiet tal-Bniedem.

1. In linea preliminari huwa l-Istat biss li jista' jikkommetti vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali u mhux ċittadin privat, l-esponenti ma għandhomx 'locus standi judicii' stante li ma jistgħux jiġu meqjusa bħala leġittimarja kontradittturi, u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti;

2. Ukoll in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-esponenti qed biss jipprevalixxu ruħhom minn dispożizzjonijiet leġislattivi validament promulgati u applikabbli fl-Istat ta' Malta qua ċittadini privati u b'hekk ma jistgħux jkunu misjuba li kisru xi drittijiet ta' terzi u di piu' jekk ir-rikorrenti sofrew xi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom din ma tista' qatt tkun akkollata fil-konfront tal-esponenti u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

3. Ukoll in linea preliminari u bla ħsara għas-sueċċepit, bl-introduzzjoni tal-Att XXIV tal-2021 li daħal fis-seħħ fl-l ta' Ġunju 2021 (ferm qabel il-preżentata tal-kawża de quo, cioe' 20 ta' Jannar 2022) u l-emendi li saru fil-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod speċjali l-introduzzjoni ta' l-Artikolu 4A, il-liġi ġià qed tagħti rimedju effettiv għall-infrazzjonijiet futuri li jistgħu jkunu ġarrbu r-rikorrenti. Illi tajjeb ikun attenat li kontemporanjament mar-rikors de quo r-rikorrenti ntavolaw rikors sabiex jivvantaw ruħhom minn rimedji ordinarji provdut taħt l-istess Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta liema rimedji huma maħsuba għal sitwazzjonijiet bħal dawk ta' żieda fil-kera quddiem il-Bord kompetenti (rikors numru 1037/2021 NB).

   Għalhekk permezz ta' dawn id-dispożizzjonijiet ġodda, jimmeritaw li jibqgħu jistrieħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-Liġijiet ta' Malta.

   Subordinarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-esponenti qed bil-qawwa kollha jirrespinġu l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti bħala nfodati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti:

4. L-esponenti għandhom titolu validu ta' kera u dan kif ser ikun pruvat fil-mori tal-kawża.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, xorta waħda ma hemm ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem stante li l-fatti tal-każ preżenti ma jikkostitwixxix teħid forzuż jew obbligatorju tal-proprjetà iżda tikkostitwixxi biss kontroll ta' użu ta' proprjetà fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea.

6. Safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-esponenti jirrilevaw illi skont il-proviso tal-istess l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali.

7. Ma huwiex minnu li r-rikorrenti qed jiġu mċaħħda tal-proprjetà tagħhom u dan stante li huma dejjem jistgħu jirċievu l-kera tal-fond.

8. F'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti m'għandhom jbatu l-ebda spejjeż in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri, għaliex ma jistgħux ikunu ikkastigati talli sempliċiment kienu jsegwu u jottemporaw ruħhom mal-kirja kuntrattwali stabbilita.

9. Dwar il-lanjanza tar-rikorrenti relatat mal-kwantum allaċjat mal-fond *de quo agitur* tajjeb jingħad li l-Artikolu 1531ċ tal-Kodiċi Ċivili l-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kien jipprospetta mekkaniżmu idoneju u xieraq ta' kumpens ferm qabel introduzzjoni tal-Att XXIV tal-2021.

10. Di piu', kif diġà aċċennaw aktar 'il fuq, bl-introduzzjoni tal-2021 li daħal fis-seħħ fl-l ta' Ġunju 2021 u l-emendi li saru fil-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod speċjali l-introduzzjoni tal-Artikolu 4A ġie introdott mekkaniżmu ulterjuri u dan sabiex iżżomm bilanċ tajjeb bejn l-partijiet soġġetti għal kuntratt ta' kirja, bħal dik in deżamina. Tajjeb ikun attenat ukoll li l-Att XXIV tal-2021 jagħti wkoll diskrezzjoni wiesgha l-Bord li Jirregola l-Kera sabiex jieħu dawk id-deċiżjonijiet opportuni kemm-il darba l-esponenti ma jkollhomx dritt għall-protezzjoni tal-liġi. Għalhekk dawn id-depożizzjonijiet huma ġià biżżejjed u m'hemmx lok għal din l-Onorabbli Qorti sabiex tagħti ebda rimedji oħra.

11. Kieku huwa minnu li l-kirja tal-fond *de quo agitur* tasal biex tinibixxi r-rikorrenti mit-tgawdija tal-proprjetà kif qed jivvantaw l-istess rikorrenti, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li kull kirja għal żimien indefinit tkun tista' tiġi tterminata mis-sid unilateralment u b'hekk eluf ta' nies isibu ruħhom mingħajr ebda saqaf fuq rashom u dan minkejja li ma jkunu kisru ebda dispożizzjoni tal-liġi viġenti.

12. Peress li l-prinċipju ben stabbilit mill-Qrati nostrana, kif ukoll mid-Dritt Ċivili, cioe' dak tal-*pacta sunt servanda*, r-rikorrenti kienet ben konsapevoli minn din il-kirja u b'hekk ir-rikorrenti għandhom l-obbligu li jirrispettaw il-kirja kif hija fil-preżent.

13. Dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li kien hemm xi leżjoni ta' xi dritt fundamentali tar-rikorrenti, l-esponenti ma għandhomx jkunu l-vittma deċiżjoni tal-Istat, u b'hekk id-dikjarazzjoni tal-ksur u/jew l-ħlas ta' danni da parte tal-istat għandu jkun suffiċjenti, u l-esponenti b'hekk jimmeritaw li jibqgħu jistrieħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk ma jkunx hemm lok għal rimedji oħra kif kontemplati mir-rikorrenti.

Rat li b'verbal tagħha tat-30 ta' Jannar 2023 ħatret lill-Perit Mario Cassar sabiex jagħmel stima tal-valur kummerċjali kif ukoll dak lokatizzju tal-fond fis-suq kull ħames snin għall-perjodu bejn is-sena 1987 sas-sena 2021.[1]

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku minnha maħtur ppreżentat fis-7 ta' Marzu 2023.[2]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.
Rat l-atti kollha tal-każ.

**Fatti**

Ir-rikorrenti akkwistaw il-fond bin-numru 31/32, Triq il-Parroċċa, Luqa permezz ta' wirt. Huma kompropjetarji ta' 15/16 parti indiviża tal-fond.

Il-fond in kwistjoni ilu mikri lill-familja tal-intimat Caruana għal dawn l-aħħar sebgħin sena bil-kera annwu ta' Lm16. Illum il-kera mħallsa hija ta' €209.64 fis-sena.

Il-fond in kwistjoni mhux dekontrollat.[3]

[1] Fol. 113.
[2] Fol. 118.
[3] Dok. C a fol.14.

**L-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat: prokura minn dawk assenti mill-gżejjer Maltin.**

Din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata meta r-rikorrenti ppreżentaw il-prokuri in kwistjoni permezz ta' nota fil-25 ta' Ottubru 2022.[4]

**Titlu**

Jirriżulta li r-rikorrenti tassew għandhom dritt ta' proprjeta` fuq il-fond mertu ta' din il-kawża. Jgħodd ukoll il-perjodu rilevanti li matulu l-ante-kawża tagħhom kienu proprjetarji tal-fond *de quo* u dan skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali **Nutar Dottor Pierre Cassar v Avukat tal-Istat** tal-4 ta' Mejju 2022. Dan sa mhux qabel it-30 ta' April 1987 meta daħal fis-seħħ il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sas-27 ta' Mejju 2021 meta daħal fis-seħħ l-Att XXIV.2021. Kif sejjer jiġi spjegat iktar 'l isfel, dan l-Att ġab bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin.

**L-ewwel, it-tieni, ir-raba', it-tmien eċċezzjoni tal-intimat Caruana: mhux leġittimu kuntradittur hija biss inkwilini b'kirja valida; u m'għandhomx ibatu danni u spejjeż:**

Huwa kkonsolidat fil-ġurisprudenza li l-inkwilin huwa leġittimarju passiv validu fi proċeduri bħal dawn iżda ma jbatix spejjeż.

**Rimedju Ordinarju**

[4] Fol. 69.

L-intimat Avukat tal-Istat permezz tal-ħames u s-sitt eċċezzjoni tiegħu u l-intimat Caruana permezz tat-tielet, tad-disa' u l-għaxar eċċezzjoni tiegħu, jissottomettu li r-rikorrenti kellhom rimedju disponibbli u dan taħt il-liġi ordinarja (Art. 1531Ċ tal-Kap 16 u Art. xv 4A tal-Kap 69) li jiffakoltizzaw li l-kera ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq tad-dar t'abitazzjoni. Fil-fatt ir-rikorrenti għamel użu minn dan ir-rimedju. Tabilħaqq wara l-promulgazzjoni tal-Att XXIV.2021 hemm rimedju alternattiv li joħloq bilanċ bejn l-inkwilin u sid-il kera, u fil-każijiet hemm imsemmija jista' jwassal saħansitra għat-tmiem tal-kirja iżda dan ma jistax jingħad għas-sitwazzjoni legali anteċedenti.

Ir-rata ta' kera ta' bħalissa hija ġeneralment meqjusa bir-rata ta' 3.5% tal-valur kummerċjali tal-proprjeta`. L-Att XXIV.2021 jagħti d-dritt sa massimu ta' 2%. Tenut kont tal-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu, li l-kera li s-sid huwa intitolat għalih huwa inqas minn dik kummerċjali minħabba l-kunsiderazzjoni soċjali tal-ħarsien tal-akkomodazzjoni residenzjali, din ir-rata hija waħda ġusta u għalhekk mid-data tal-promulgazzjoni ta' dan l-Att id-disposizzjonijiet tal-liġijiet tal-kera *de quo agitur* m'għadhomx jiksru d-dritt fundamentali tat-tgawdija tal-proprjeta`.

Din l-eċċezzjoni għalhekk hija valida biss sad-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021.

***Pacta sunt servanda***

L-intimat Caruana jeċepixxi permezz tat-tnax-il eċċezzjoni tiegħu illi l-anteċessuri fit-titolu tar-rikorrenti ikkuntrattaw kirja u għalhekk għandha tiġi rispettata. Imma r-rikorrenti mhux qed jipprovaw iwaqqgħu jew ma jonorawx il-ftehim lokatizzju li kien hemm; anzi qed jilmentaw mill-interferenza statali li b'liġi sfurzat ir-rilokazzjoni kontinwa tagħhom b'kundizzjoni tal-kirja mposta

fuqhom. Madankollu, dan il-fatt waħdu ma jġibx awtomatikament miegħu r-rinunzja tad-drittijiet tagħhom fuq il-proprjeta' tagħhom. Meta daħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-liġi, is-sidien ta' proprjetajiet fl-istess qagħda tar-rikorrenti u l-awturi tagħha sabu ruħhom b'idejhom marbutin u l-unika "għażla" (jekk tista' ssejħilha hekk) li kellhom kienet li jissottomettu ruħhom għal-liġi. Madankollu, minħabba l-emendi fil-liġi, l-awturi tar-rikorrenti, u r-rikorrenti ma kellhom ebda rimedju taħt il-liġi ordinarja li seta' jaġevolahom fid-drittijiet tagħhom ta' sidien ħlief bil-ftuħ ta' kawża quddiem Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali proprju sabiex tiġi attakata dik l-istess liġi, kif proprju qed isir illum.

Il-Qorti trid tindaga jekk il-liġi naqsitx li toħloq mekkaniżmu legali li jħares fit-tul biex jekwilibra d-drittijiet tas-sid ma' dak tal-inkwilin mal-medda taż-żmien. Għalhekk, għalkemm fiż-żmien li daħlet din il-liġi, dan l-ekwilibru seta' eżista, pero` trid teżamina l-effett tat-tibdiliet fis-suq li jġibu magħhom iż-żminijiet; u jekk matul iż-żmien kull ekwilibriju inizjali li seta' kien hemm meta ġiet ippromulgata l-liġi, sfaxxax għal kollox.

**L-eċċezzjoni ta' ndħil permessibbli bħala miżura soċjali:**

L-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li l-liġi in kwistjoni hi valida għaliex hi ta' natura soċjali fl-interess tal-ġid komuni. Filwaqt li dan huwa minnu, il-liġi tibqa' soġġetta għall-prinċipju tal-proporzjonalita`. Il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu stabbiliet tlett indaġnijiet li jridu jsiru biex jiġi stabbilit jekk l-indħil tal-Istat huwiex permessibbli a tenur tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:

(1) il-miżura tkun saret taħt qafas legali.
(2) l-iskop tagħha kien leġittimu.

(3) iżżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

M'hemmx dubju li l-liġi *de quo* tissodisfa l-ewwel żewġ elementi. Mhux l-istess iżda jista' jingħad dwar it-tielet element.

**Bilanċ bejn tgawdija tal-proprjeta` u l-interess pubbliku**

L-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jaqra hekk:

> **"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali."**

Għalhekk il-Protokoll jawtorizza ndħil fit-tgawdija tal-proprjeta` fl-interess pubbliku. Iżda safejn jista' jasal dan l-indħil? Fejn jitqiegħed is-sinjal l-aħmar? Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Jeddijiet tal-Bniedem daħħlet il-kunċett ta' bilanċ bejn it-tgawdija tal-proprjeta` u l-interess pubbliku. Il-Qorti trid tistabbilixxi jekk is-sid kellux iġorr piż sproporzjonat u eċċessiv,[5] billi teżamina l-interessi kollha involuti; mhux biss il-kundizzjonijiet tal-kirja u l-entita` tal-indħil tal-Istat fil-liberta` tal-kuntratt u fir-relazzjonijiet kuntrattwali fis-suq tal-kirjiet, imma wkoll l-eżistenza ta' salvagwardji proċedurali li jassiguraw li l-operazzjoni tas-sistema u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet proprjetarji la tkun arbitrarja u l-anqas imprevedibbli. L-inċertezza, sew leġislattiva, sew amministrattiva jew minn prattiċi tal-awtoritajiet, hija fattur ewlieni li jittieħed in kunsiderazzjoni fil-ġudizzju dwar il-kondotta tal-Istat.[6]

---

[5] James & Others, Amato Gauci v. Malta.

[6] Immobiliare Saffi v Italy, GC no. 22774/93,§54, ECHR -1999-V, and Broniowski, §151; Attard & Zammit Cassar v Malta, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem 30.07.2015.

Kif inhu paċifikament stabbilit, il-proporzjon m'għandux ikun mal-valur tal-kirjiet fis-suq ħieles, imma mal-valur tagħhom tenut kont tal-interess soċjali. Ġaladarba l-obbligu tal-Istat huwa li jżomm bilanċ bejn l-interess privat ta' massimazzjoni tal-isfruttament tal-proprjeta` privata u l-ħtieġa tal-Istat li jipprovdi l-akkomodazzjoni soċjali, loġikament il-kumpens li tipprovdi Qorti f'Sede Kostituzzjonali m'għandux ikun allaċċjat mas-suq ħieles, imma jrid ikun ittemperat skont dan il-bilanċ.

Minn din il-qagħda, l-Qorti tikkonkludi li l-liġijiet viġenti imponew fuq l-atturi piż sproporzjonat u eċċessiv għal ħafna snin, u li l-Istat naqas milli jibbilanċja l-interess ġenerali mal-interess tagħhom.

**Likwidazzjoni tal-kumpens**

Skont stima magħmula mill-perit tekniku, il-valur fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* huwa ta' €380,000. Il-valur lokatizju tal-fond mis-sena 1987 sa 2021 tela' minn €1,340 għal €11,400.

Fid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja, **Cauchi vs Malta** tal-25 ta' Marzu 2021 intqal li l-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjeta` kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat sentenza tal-Ewwel Qorti[7] fejn naqqset 35% u mhux 30% minħabba interess ġenerali. Żiedet tgħid illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis ieħor minħabba li l-atturi baqgħu passivi għall-perjodu twil:

[7] Fl-istess ismijiet deċiża fid-29.10.2020 Prim'Awla – JZM.

> Din il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li l-fatt waħdu li sidien il-kera jkunu damu s-snin qabel ma fittxew rimedju, m'huwiex rilevanti għall-finijiet tal-kumpens pekunjarju (ara per eżempju sentenza John Pace v. Avukat tal-Istat et tat-28 ta' Jannar 2021), u li semmai jista' jkollu konsegwenza biss fil-każ ta' kumpens non-pekunjarju.[8]

Bħala konsegwenza tal-fatt li l-Istat kiser id-drittijiet tal-atturi kif sanċiti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ta' Konvenzjoni Ewropeja, l-Istat għandu jħallas danni morali kif ukoll danni pekunjarji. Il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrent kumpens pekunjarju li jammonta għal sebgħin elf ewro (€70,000) li għandu jinqasam bejn ir-rikorrenti skont l-ishma rispettivi tagħhom. Dan l-ammont inħadem konformement mal-prinċipji suesposti kif ġej:

| MIS-SENA | SAS-SENA | VALUR LOKATIZZJU | KERA MĦALLSA |
|---|---|---|---|
| 1987 | 1991 | (€1,340 x 5) **€6,700** | (€37.27 x 5) = **€186.35** |
| 1992 | 1996 | (€1,836 x 5) **€9,180** | (€37.27 x 5) = **€186.35** |
| 1997 | 2001 | (€2,515 x 5) **€12,575** | (€37.27 x 5) = **€186.35** |
| 2002 | 2006 | (€3,446 x 5) **€17,230** | (€37.27 x 5) = **€186.35** |
| | | | 2007-2009 |
| 2007 | 2011 | (€4,721 x 5) **€23,605** | (€37.27 x 3) = **€111.81** |
| | | | 2010-2011 |
| | | | (€185 x 2) = **€370** |
| 2012 | 2016 | (€6,468 x 5) **€32,340** | 2012 = **€185** |
| | | | 2013 -2016 |
| | | | (€197.58 x 4) = **€790.32** |
| | | | 2017-2018 |
| 2017 | 2020 | (€8,861 x 4) **€35,444** | (€203.13 x 2) = **€406.26** |
| | | | 2019-2020 |
| | | | (€209.64 x 2) = **€419.28** |
| 2021 | | **€11,400** | **€209.64** |

[8] Sammut Carmel v. Dimech Maria Stella – 26.05.2021 – Qorti Kostituzzjonali.

| | | |
|---|---|---|
| TOTAL | **€148,474** | **€3,237.71** |

€148,474 - €3,237.71 = €145,236.29

€145,236.29- 35% = €94,403.59

€94,403.59- 20% = €75,522.87/16 = €4,720.18x15= €70,802.69 – **€70,000**

Id-dannu morali ġej minn ksur tal-jedd ta' proprjetà huwa anqas gravi minn dak ġej minn ksur ta' jeddijiet marbuta mal-ħajja jew mal-personalità, u għalhekk il-Qorti sejra tillikwidahom fis-somma ta' €500 li għandha tinqasam bejn ir-rikorrenti skont l-ishma rispettivi tagħhom.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn m'humiex kompatibbli ma' din is-sentenza.

(2) Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi fil-konfront tar-rikorrenti, il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap.69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti taw dritt ta' rilokazzjoni lill-intimat Caruana għal-fond bin-numru 31/32, Triq il-Parroċċa, Luqa u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti inter alia fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan għall-perjodu bejn 1987 – 2021.

(3) Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens tad-danni mġarrba mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma nżammx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizzju tal-propjeta' in kwistjoni ukoll ai termini tal-Liġi, għall-perjodu bejn 1987 – 2021.

(4) Tilqa' it-tielet u r-raba' talba billi tillikwida kumpens fis-somma ta' sebgħin elf ewro (€70,000) bħala danni pekunarji u €500 bħala danni mhux pekunarji li għandhom jinqasmu bejn ir-rikorrenti skont l-ishma rispettivi tagħhom u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA